MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Talba Numru. 62/2014

**Mobisle Communications Limited**

**C 24655**

**Vs**

**Island Response Limited**

**C 45723**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Jananr, 2014 illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici 's-somma ta' ***elf, mitejn u sitta u ghoxrin ewro u tlieta u hamsa u disghin centezmu (€1,226.95)***[i] liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 50981921 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv, Dok IZy 3 estratt mir-Registru tal-

Kumpaniji u Dok IZY4 kopja ta’ l-ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjanti ghalhekk kellha ‘ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta, bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tat-28 ta' Marzu, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2014 u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ ***elf, mitejn u sitta u ghoxrin ewro u tlieta u hamsa u disghin centezmu (€1,226.95)***[ii] bl-imghax legali sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tas-Socjeta’ konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM---------------------------------

[i] Hawn zball fit-talba

[ii] Hawn zball fit-talba